MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 164/2006/1

**David Ellis, Karta ta' l-Identita numru 418390(M) bhala Bursar fl-isem u fl-interess tal-Kullegg St. Edward's**

**vs**

**Albert u Maria Dolores Satariano**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Dicembru, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm370) rapprezentanti mizati ta' term li gew rezi dovut a tenur ta' l-Artikolu 7.1 tar-regolamenti tal-Kullegg St Edwards stante li l-konvenuti naqsu milli jaghtu pre-avviz mehtieg

skond l-istess Artikolu li t-tifla m'hijiex ser tattendi l-iskola izjed u dan skond kont li jgib id-data tat-2 ta' Settembru, 2004 li kopja tieghu huwa hawn anness u mmarkat Dokument A u skond kif ser jigi spjegat aktar fid-dettal fil-mori tal-kawza.

Illi l-konvenuti Albert u Maria Dolores konjugi Satariano ghalkemm interpellati biex ihallsu dan l-ammont baqghu inadempjenti. Bl-ispejjez inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' Ittra Legali li ggib id-data tat-13 ta' Gunju, 2005 u bl-imghax legali sad-data ta' pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha wiegbu 1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuta b'Ittra tal-5 ta' Lulju, 2004 avzat lill-attur nomine li bintha ma kienetx ser tattendi aktar l-iskola ossija l-Kullegg. 2) Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti qatt ma rcevew kont sabiex ihallsu s-somma ta' tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm370) pretiza. 3) Illi di piu l-istudenta Lynne Satariano avzat lil certu Wilson li ma kienetx ser tattendi aktar. 4) Illi ebda ammont m'hu dovut. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' David Ellis, Lynne Satariano, Maria Dolores Satariano u ta' Albert Satariano.

Ra l-atti kollha tal-kawza u sema' t-trattazzjoni ta' Dr Rachael Bonello ghall-attur u ta' Dr George Cutajar ghall-konvenuti.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Lynne Satariano, it-tifla tal-konvenuti, kienet giet registrata fis-Sixth Form ta' St Edwards College b'effett minn Settembru 2003. Dan il-ftehim jinsab esebit a fol 13 et seq tal-process u fost items ta' l-*agreement* hemm miktub hekk:

> "Notice of Withdrawal.
>
> 7.1 Except for students leaving Year 13 or Year 11 at the end of the Trinity Term, at least two months notice must be given in writing to the Headmaster before a student is withdrawn from the school. In default of such notice, payment one term's fees shall be due, and the College reserves the right to proceed against defaulters according to law. If written acknowledgement of notice is not received from the school within two weeks, parents are advised to contact the school secretary for confirmation that notice has been received."
>
> "Dawn ir-regolamenti jikkostitwixxu kontrattwali bejn il-partijiet sabiex il-Kullegg jipprovdi l-edukazzjoni ... Il-Qorti ma tistax f’din il-kawza tissindika r-regolamenti tal-Kullegg, dawna ghandhom jigu accettati kif inhuma" (**Vide Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) 15 ta’ Dicembru, 2003 David Ellis noe Vs Alfred Testa et**)."

Illi effettivament wara s-sena skolastika Settembru 2003 / Gunju 2004 jirrizulta mill-provi illi Lynne Satariano ddecidiet li ma tridx tkompli aktar f’ dak il-Kullegg tant illi t-Tribunal huwa sodisfatt li jirrizulta pruvat li hija kelmet lil certu Norman Wilson u avzatu bl-intenzjonijiet taghha. Jirrizulta wkoll mill-provi illi effettivament hija nghatat parir sabiex tinkiteb Ittra - u dan kif hemm dispost fl-imsemmija regolamenti u fil-fatt marret tkellem lil ommha w ommha kitbet Ittra li kopja taghha tinsab esebita a fol 37 tal-process li ggib id-data 5 ta’ Lulju, 2004.

L-atturi jghidu li ma rcevewx din l-Ittra u fil-fatt David Ellis xehed illi huma ma kienux jafu li Lynne Satariano ma kienetx ser tattendi t-tieni sena tas-Sixth Form. Huwa jghid:

> "I state that I have no record of our ever having ... in the files."

David Ellis xehed illi huma saru jafu li t-tifla ma kienetx ser tattendi l-Kullegg meta t-tifla m'attendietx l-iskola izda fil-fatt it-Tribunal m'huwiex sodisfatt li attwalment il-Kullegg ha passi meta t-tifla m'attendietx. Il-konjugi Satariano w anki binthom ilkoll xehdu viva voce u kkonfermaw li ntbaghtet l-imsemmija Ittra. Huma ma semghu assolutament xejn hlief li meta rcevew *invoice* sabiex ihallsu t-term ta’ Settembru 2004 izda Albert Satariano njora dan l-*invoice* ghaliex huwa kien f’ mohhu sodisfatt illi fil-fatt dan ma kienx dovut u ghalhekk ma hallsux. Huwa ma sema’ xejn aktar sakemm intbaghtet Ittra Legali li hemm referenza ghaliha fl-Avviz.

Il-vertenza kollha f’ din il-kawza hija jekk verament jirrizultax li ntbaghtet l-Ittra fuq imsemmija jew le. Ir-regolamenti huma cari u jimponu obbligi fuq il-genituri ta' l-istudenti dwar x'ghandhom x'jaghmlu jekk bihsiebhom itemmu l-attendenza tat-tifel jew tifla taghhom fl-iskola St Edwards. Dan huwa logiku u ragunevoli ghaliex l-iskola trid taghmel pjanijiet minn qabel sabiex taccerta ruhha li jkollha ghalliema sufficjenti ghall-istudenti li jkunu sejrin jattendu u kif ukoll biex jaccertaw illi ma jkunx hemm *overbooking* fil-klassi u jekk ikun hemm xi spazju f’xi klassi, jkun hemm studenti ohrajn fil-*waiting list* li jistghu jiehdu posthom.

It-Tribunal isibha qajla difficli biex jemmen illi l-Kullegg ta’ St Edwards, li allura fis-*second term* Sixth Form ghandu biss zewg studenti li qed jaghmlu s-suggett tax-xjenza, li, jekk tfalli wahda ma jarawx immedjatament ghaliex dik il-wahda ghaliex m'hijiex qeghda tattendi. In-nuqqas ta' attendenza ta’ studenta f’tali cirkostanzi hija evidenti u wiehed kien jistenna illi jkun hemm reazzjoni mmedjata dwarha. Fil-fatt donnu ma gara xejn sa Gunju 2005, jigifieri sakemm spiccat

is-sena skolastika. Dan huwa punt iehor li jikkorrobora t-tezi tal-konvenuti illi effettivament veru kien hemm indikazzjonijiet u li l-iskola kienet taf li Lynne Satariano ma kienetx ser tattendi ghaliex kieku ma kienx hekk zgur li l-iskola kienet timxi mod differenti.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-konvenuti onoraw l-obbligu taghhom skond l-imsemmija regolamenti u li effettivament l-Avviz tal-5 ta' Lulju, 2004 intbaghat a tempo vergine, jigifieri qabel ix-xahrejn minn meta tibda l-iskola skolastika u konsegwentement it-talba ta' l-atturi ma tistax tigi milqugha.

Illi inoltre, it-Tribunal jixtieq izid ukoll illi f'paragrafu 7.1 hemm stipulat illi l-genituri huma avzati illi jekk ma jircievux *acknowledgement* mill-iskola, sabiex icemplu lis-segretarja ta' l-iskola ghall-konferma.

It-Tribunal jidhirlu illi l-ircevuta ta' *acknowledgement* mibghuta mill-Kullegg ghalkemm desiderabbli, m'hijiex tassattiva u konsegwentement galadarba t-Tribunal huwa tal-fehma li l-provi prodotti jwasslu ghall-konkluzjoni li effettivament intbaghat avviz bil-miktub fi zmien stipulat allura n-nuqqas ta' *acknowledgement* min-naha tal-Kullegg m'huwiex ta' pregudizzju ghall-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.**"**

L-attur, rapprezentant tal-Kullegg St. Edward's, appella minn din is-sentenza bl-aggravju principali li jiccensura l-analisi tal-fatti probatorji maghmul mit-Tribunal. Biex isostni t-talba tieghu tal-kassazzjoni tas-sentenza huwa jirpoza dan l-appell fuq l-effikacja vinkolanti tar-regolamenti tal-Kullegg, ix-xhieda tieghu, in-nuqqas ta' rejazzjoni mill-konvenuti ghall-*invoice* u l-missivi li

ntbaghtulhom, u l-fatt accertat illi ma ntbaghat ebda "*written acknowledgement*" ghall-ittra li l-konvenuta Maria Dolores Satariano tallega li giet rimessa minnha lill-Kullegg fil-5 ta' Lulju 2004;

Jibda biex jigi registrat, b' ripetizzjoni, l-affermazzjoni maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-6 ta' April 2005 in re: "**Boarding School (Malta) Limited -vs- Dimitri Alexandrov *et***", jigifieri li, "naturalment fl-ambitu tal-fattispeci kull tribunal ghandu dik ic-certa diskrezzjoni li jisselezzjona dawk il-fatti li, purke jkunu pruvati, jitqiesu minnu determinanti ghall-ahjar konvinzjoni tieghu. F' kaz bhal dan huwa applikabbli l-kriterju generali tac-certezza morali tal-gudikant dwar il-verita` tal-fatti."

Dan premess, il-Qorti mhux behsiebha tinoltra ruhha fuq ir-regolamenti tal-Kullegg *de quo*, u ta' l-importanza u l-effikacja vinkolanti taghhom, ghax dwarhom gja kellha okkazjoni tadduci l-osservazzjonijiet taghha fid-decizjoni taghha tal-15 ta' Dicembru 2003 in re: "**David Ellis *nomine* -vs- Alfred Testa *et***", citata wkoll mit-Tribunal. Tillimita ruhha ghall-aspetti l-ohra sottomessi quddiemha mill-attur *nomine* bl-aggravju tieghu;

Jidher li l-kwestjoni l-izjed importanti f' dan il-kaz hi dik jekk it-Tribunal kellux jemmen lill-konvenuti fl-allegazzjoni centrali taghhom li huma verament baghtu l-ittra tal-5 ta' Lulju 2004 (kopja taghha esebita a fol. 37) li permezz taghha nformaw lill-Kullegg li binthom Lynne Satariano ma kienetx ser tattendi il-Kullegg ghas-sena skolastika li kienet tibda f' Settembru 2005;

Evidentement, is-soluzzjoni tal-kwestjoni mqanqla kienet wahda li sostanzjalment kienet tiddependi mill-valutazzjoni u mill-kredibilita` li kellha tinghata lix-xhieda tal-konvenuta Maria Dolores Satariano (fol. 32) fejn din stqarret li l-ittra surreferita kienet kitbitha hi u mpustata hi stess;

Jigi osservat illi hu difficli ghal din il-Qorti tikkwerela d-diskrezzjoni tat-Tribunal fuq dan il-punt, kemm ghaliex, bil-kontra tat-Tribunal, hi ma kellhiex l-opportunita` tezamina lill-konvenuta fil-pedana tax-xhieda, kif ukoll ghall-fatt illi l-valutazzjoni tax-xhieda taghha u dawk tar-rizultanzi istruttorji ohrajn jikkoinvolgi apprezzament ta' fatt rizervat lit-Tribunal fil-mertu. Sakemm dan l-apprezzament ma jkunx jidher palesament irragjonevoli, ma jistax jinghad illi hu projbittiv ghat-Tribunal illi fil-gudizzju prudenzjali tieghu jqieghed ghab-bazi tad-decizjoni tieghu fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' ohra jekk hu jkun sodisfatt li dik il-prova ghandha tkun accettata bhala possibbli u verosimili;

Jippartecipa, imbaghad, f' kazijiet ta' din ix-xorta l-uzu mill-gudikant ta' dik il-presunzjoni semplici, rikonoxxuta ahjar bhala "*presumptio hominis vel facti*", in kwantu din ukoll tirrapprezenta r-rizultat ta' l-apprezzament liberu minnu tas-sitwazzjoni ta' fatt. S' intendi, basta li l-konvinciment tieghu tas-sussistenza tal-fatt suppost ikun sorrett minn inferenza gravi u preciza anke jekk f' kuntrast ma' prova ohra akkwiziti. Dak li fil-kaz prezenti t-Tribunal deherlu li kien hekk il-kaz. Inghad proprju in tema tal-prova tal-pustagg ta' ittra fis-sentenza fl-ismijiet "**Joseph Borg *et* -vs- Joseph A. Bartolo**", Appell Inferjuri, 25 ta' Gunju 1980, per Imhallef Maurice Caruana Curran, illi fil-provi cirkostanzjali jew indizzjarji tezisti l-presunzjoni fuq imsemmija mhollija fil-prudenza tal-gudikant "li *proof of postage is proof of delivery* u allahares ma kienx hekk". Dan avolja din il-presunzjoni mhix espressament dixxiplinata fil-Kodici Civili taghna bhal ma hekk hi taht il-Kodici Civili Taljan, ex-artikolu 2729 tieghu. Dan, anke jekk ma jonqsux accenni legislattivi dwarha f' ligijiet ohra, in partikolari dawk fiskali (Kapijiet 372 u 406), ghal finijiet tan-notifika ta' l-atti tahthom;

Kwantu ghas-sottomissjonijiet dwar l-assenza ta' "*written acknowledgement*" ghall-ittra precitata u n-nuqqas ta' rejazzjoni mill-appellati ghall-*invoice* u l-ittra mibghuta mill-Kullegg, jigi kummentat illi dan ma jgibx ghal daqshekk illi l-ittra ma ntbaghtetx jew din ma gietx ricevuta. Lanqas

ma ghandu s-skiet tal-konvenuti ghar-rinviju tal-kont jew ta' l-ittri mill-Kullegg jittraduci ruhu fil-konkluzjoni illi allura dik l-ittra mill-konvenuti ma ntbaghtetx jew li l-konvenuti kienu qed jaccettaw il-kreditu pretiz. Dan l-obbligu tar-risposta implicita ghandu valenza fil-konswetudini kummercjali (ara **Kollez. Vol. XXXIV P III p 770**) izda mhux ukoll fil-fattispeci f' dan il-kaz;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tistax ma tirregistrax illi, strettament, ma kellhiex ghalfejn tiddilunga izzejjed fuq dan l-appell. Dan ghar-raguni illi trattasi minn sentenza tat-Tribunal specjali adit u ta' talba nferjuri ghal hames mitt lira hu car illi min-natura ta' l-obbjezzjonijiet sollevati l-appell innifsu ma setax jinkwadra ruhu fil-parametri fl-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380, lanqas fis-subparagrafu (d) tieghu, la darba ma tqanqal ebda gravam koncernanti l-ekwita`. La darba l-appell hu merament bazat fuq kontestazzjoni ta' l-apprezzament tal-provi ma jistax jinghad li l-appellanti *nomine* kellu r-rimedju proceduralì ta' l-appell mis-sentenza. Dan b' zieda mar-riflessjonijiet maghmula fil-mertu.

Ghal dawn il-motivi kollha l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-appellanti *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------